MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2012

Numru 1297/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Spiridione Zammit)**
**vs**
**Jean Pierre Baldacchino**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Jean Pierre Baldacchino** ta' 33 sena, bin Paul u Maria Dolores *nee'* Borg, imwieled H'Attard fl-1 ta' Marzu 1979, residenti 63, Triq San Mark Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 140879(M);

Talli fit-8 ta' Dicembru 2012 ghall habta ta' 7:45pm u/jew hinijiet qabel fi Triq San Tumas Fgura u/jew il-gzejjer minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi li seghet gabet periklu tal-hajja jew debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, u/jaew liema

ferita iddum ghal tletin gurnata fuq il-persuna ta' Joseph Pulis minn Haz-Zabbar skond ma ccertifika it-tabib Paul Scarrow Reg No. 3112 mill-Isptar Mater Dei;

Talli f'dawn ic-cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u ghamel hsara fuq vettura ta' l-ghamla Peugeot numru tar-registrazzjoni JAG 201 ghad-dannu ta' Joseph Pulis minn Haz-Zabbar, liema hsara ma tiskorriex 1164.69 Euros imma izjed minn 116.47 Euros:

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, u/jew zminijiet qabel f'dawn il-gzejjer, Jean Pierre bl-imgieba tieghu kkaguna biza' lil Joseph Pulis minn Haz-Zabbar li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mil-axxedenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra;

Talli fl-istess cirkostanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodoco Kriminali kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghal Joseph Pulis minn Haz-Zabbar sabiex jingurjah, idejjqu, jew jaghmillu l-hsara;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ghamel lil Joseph Pulis minn Haz-Zabbar ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Joseph Pulis minn Haz-Zabbar u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-lum stess;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 216(1)(a) u (d), 251B, 338(dd), 339 (d) u (e), 325(b);

Wara li semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat ghandu fedina penali nadifa ghajr ghal xi kontravvenzjoni;

Tenut kont tal-ammissjoni bikrija kif ukoll tal-fatt illi l-ferita ma kkagunatx sfregju;

Titratta mal-imputat billi tilliberah bil-kondizzjoni li ma jghamilx rejat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum skond id-dispost tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Inoltre ai termini tal-artikolu 383 Kap 9 tobbliga lill-imputat ma jimmolestax u/jew ma jdejjaqx lil Joseph Pulis fuq penali ta' €200 (mitejn Euro) fin-nuqqas ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza;

Stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kaz ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja, tordna li dawn l-atti jintbaghtu lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------